MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 63/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Innorcia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Innorcia talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) nhar-is 26 ta' Settembru 2007 f'xi hin bejn id-9.20 ta' filghodu u t-3.10 ta' wara nofsinhar ikkommetta sera minn fond numru 12 'Sterlitzia' Triq Dun Mikiel Xerri, Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi 2329.37 ewro, bil-lok u bil-mezz, ghad-detriment ta' Peter Cachia minn Attard u/jew persuni ohra;

(2) f'San Gwann nhar-it 28 ta' Settembru 2007 ghall-habta tal-11.15 ta' filghodu, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe` serq mill-fond numru 7 'Flaminia' Triq Sant' Andrija, San Gwann wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jeccedi 2329.37 euro, bil-lok u bil-mezz ghad-detriment ta' Alessandro Booker minn San Gwann u/jew persuni ohra;

(3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi 11.65 euro izda ma teccediex 116.47 euro u dan sar ghad-detriment tal-imsemmi Alessandro Booker u/jew persuni ohra;

(4) irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-19 ta' Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-appellant, u wara li rat l-artikoli 18, 261, 263, 267, 269, 41, 325, 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Carmelo Innorcia hati u kkundannatu erba' (4) snin prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmelo Innorcia pprezentat fit-3 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tirriformaha in kwantu ghall-piena, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu fis-sens illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti setghet fic-cirkostanzi kollha tal-kaz tkun aktar miti.

Issa, hawn ghandna appell minn piena wara ammissjoni u, fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Barra minn hekk ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

Kwantu ghall-piena nflitta, m'hemmx dubju li din taqa' fil-parametri tal-ligi. Il-piena applikabbli hi dik provduta fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta mizjud bi grad skond il-*proviso* tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 280 tal-Kap. 9. Jigifieri l-piena hi ta' prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin mizjud bi grad, cioe` minn tmintax-il xahar sa tnax-il sena. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9 imbaghad il-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi u dan minbarra zieda minhabba recidiva.

L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li kienet tat opportunita` lill-appellant biex jirrestitwixxi parti mir-refurtiva "sabiex din tigi riflessa fil-piena". Sfortunatament dan ma sehhx u l-ewwel Qorti interpretat dan bhala li l-appellant (allura imputat) "ma jridx jaghmel sforz biex isewwi l-hsara li ghamel lil haddiehor u lilu nnifsu".

Ghalhekk l-uniku attenwant li rat l-ewwel Qorti kienet l-ammissjoni bikrija ta’ l-appellant.

Quddiem din il-Qorti d-difensur ta’ l-appellant qal li l-perijodu li nghata mill-ewwel Qorti kien qasir wisq biex l-appellant ikun jista’ jgib flus minghand il-familjari tieghu sabiex jibda jhallas. Pero` din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li mid-data tas-sentenza sad-data tas-smigh ta’ l-appell ghaddew ftit aktar minn hames xhur u xorta ma jirrizultax li saru xi pagamenti lill-vittmi.

Mill-fedina penali aggornata ta’ l-appellant jirrizulta, almenu *prima facie*, li l-appellant kien inghata sentenza sospiza ta’ sentejn prigunerija fis-26 ta’ Marzu 2007 fuq kaz ta’ serq aggravat kommess fil-5 ta’ Marzu 2007. B’sentenza ohra tal-11 ta’ Awissu 2007 l-appellant gie kkundannat multa fuq pussess illegali ta’ eroina fl-10 ta’ Awissu 2007 u kellu s-sentenza sospiza msemmija estiza. Pero` matul ix-xahar ta’ Ottubru 2007 ikkommetta sensiela ta’ serqiet u fis-26 ta’ Ottubru 2007 gie kkundannat tmien snin prigunerija, liema perijodu jinkludi s-sentejn prigunerija tas-sentenza sospiza kif estiza. Jigifieri nonostante illi l-appellant kien diga` deher darbtejn quddiem il-Qrati taghna u nghata l-opportunita` li jiffranka piena karcerarja definittiva, huwa xorta baqa’ ghaddej bil-hajja refrattarja tieghu, sahansitra fix-xahar ta’ Settembru 2007, ix-xahar li fih ikkommetta r-reati hawn minnu ammessi.

Issa, bhalma jirrizulta u anke osserva d-difensur ta’ l-appellant, l-appellant ikkommetta r-reati odjerni fix-xahar ta’ Settembru 2007, precizament fis-26 u fit-28 ta’ Settembru 2007, filwaqt illi s-sentenza tas-26 ta’ Ottubru 2007 tirrigwarda sensiela ta’ serqiet bejn l-1 u l-20 ta’ Ottubru 2007. Dwar dawk il-kazijiet jidher li l-appellant tressaq fl-istess xahar ta’ Ottubru u difatti l-kaz gie deciz fis-26 ta’ Ottubru 2007. Dwar dan il-kaz pero` u li jirreferi ghal reati kommessi f’Settembru 2007 ftit granet qabel dawk ta’ Ottubru 2007, l-appellant tressaq fis-6 ta’ Jannar 2009. Naturalment kieku tressaq biex iwiegeb ghal dawn ir-reati meta tressaq f’Ottubru 2007, kien jibbenefika minn dak li jipprovdi l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali ghar-reati

kollha ta’ Settembru 2007 u Ottubru 2007 f’kaz wiehed. Pero` bhalma ntqal fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Galea** moghtija minn din il-Qorti diverament presjeduta fit-3 ta’ Novembru 1995, **“jekk il-prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat id-diversi infrazzjonijiet bhala reat kontinwat u gabithom kollha fl-istess kawza bhala reat kontinwat, il-Qorti necessarjament trid taghti sentenza separata f’kull kaz ossia ghal kull infrazzjoni jew ghall-infrazzjonijiet <u>migjuba f’dik il-kawza</u>. Jista’ jaghti l-kaz li l-prosekuzzjoni jkollha d-dubbji taghha jekk hemmx ir-“risoluzzjoni wahda” kkontemplata fl-artikolu 18. Jista’ jaghti l-kaz ukoll li l-prosekuzzjoni f’dan il-kaz, il-Pulizija Ezekuttiva, tkun agixxiet tempestivament u ma’ l-ewwel infrazzjoni ressqet lil dak li jkun; f’dan il-kaz wiehed ma jistax jippretendi li l-Pulizija ghandha toqghod tistenna biex tara jekk il-persuna li tkun tikkommettix reat iehor in forza tar-risoluzzjoni wahda li tkun precedentement iffurmat biex b’hekk fl-ahhar tressqu akkuzat bl-infrazzjonijiet kollha bhala reat kontinwat. Mill-banda l-ohra l-Pulizija m’ghandhiex tispezzetta d-diversi atti f’diversi kawzi.”** Fil-kaz prezenti hekk jidher li gara, cioe` li l-Pulizija Ezekuttiva pprocediet kontra l-appellant separatament ghar-reati ta’ Settembru 2007 u ghar-reati ta’ Ottubru 2007. Naturalment anke kieku l-kaz ta’ Ottubru 2007 ma kienx ghadu gie deciz, il-Qorti ma tkunx tista’ tordna li l-processi jigu inkorporati fi process wiehed jew li s-sentenzi jigu inkorporati f’sentenza wahda. **“L-uniku rimedju li tipprospetta l-ligi”**, ikompli jinghad fl-imsemmija sentenza, **“hu li jekk il-Qorti (li tista’ tkun anke l-Qorti ta’ Prim’Istanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f’kawzi separati kellhom jigu ttrattati bhala reat kontinwat f’kawza wahda, il-Qorti ghandha timmodera u tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi.”** Fil-kaz odjern din il-Qorti hi tal-fehma li kien ikun opportun li l-appellant jitressaq f’kawza wahda fuq ir-reati ta’ Settembru kif ukoll dawk ta’ Ottubru u ghalhekk huwa gust li jkun hemm ftit moderazzjoni fil-piena. Mill-banda l-ohra, jekk verament l-appellant ried jaghmel sforz sabiex bl-ghajnuna tal-familjari tieghu u tramite d-difensur tieghu jinghata kumpens lill-vittmi, tali sforz ried jigi min-naha tieghu biex

isir kuntatt mal-vittmi (dejjem tramite d-difensur tieghu) u mhux jistenna li jfittxuh il-vittmi. Ghall-Qorti dan ifisser illi l-appellant ghadu ma tghallem xejn. Ghalhekk l-appellant ma jistax jistenna tnaqqis drastiku fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal priguenrija ghal perijodu ta’ erba’ snin u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tliet snin u tliet xhur u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------